**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 364/2015**

**Wara l-ittra Gudizzjarja numru 3015/2015, tal-20 ta' Novembru 2015 ipprezentata ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**

**vs**

**Martin Anthony Vella (KI 179957M)**

**Illum, 26 ta' Settembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tal-intimat rikorrenti li jgħid hekk:

*"Illi dan huwa rikors illi qiegħed jiġi ppreżentata ai termini tas-Subartikolu (2) ta' l-*Artikolu 466 *tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti ġie notifikat, b'ittra ġudizzjarja ippreżentata mis-soċjeta'* Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)*, flimkien ma' dikjarazzjoni ġuramentata annessa, u dan ai termini ta' l-*artikolu 466 *tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn qed* titlob *lill-esponenti sabiex iħallas is-somma ta' ħamest elef seba' mija disgħa u erbgħin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€5,749.69) liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-*ilma u l-elettriku*, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-*ammont skont il-*liġi relatat mal-*kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000169488 ossia dwar il-fond bl-indirizz Flat 1, 136 Triq Guzè Howard Sliema, liema *ammont jammonta għal elfejn ħames mija u tlettax-*il ewro u *erbgħa u tletin ċenteżmu (5,513.34) u in kwantu l-*kont tas-servizzi utili bin-numru 101000169606 *l-ammont ta' tlett elef mitejn sitta u tletin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3,236.35) ossia il-*fond bl-indirizz Flat 4, 136 Velienne, Triq Guzè Howard Sliema.

*Illi l-pretensjonijiet tas-soċjetà* intimata huma infondati kemm fil-fatt, kif ukoll fid-*dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, l-ammont mitlub huwa preskritt ai termini ta' l-*Artikolu 2156(f) *tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi fit-tieni lok, u bla preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut mill-*esponenti *lis-soċjeta intimata.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, u għal raġunijiet li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-esponenti a tenur ta' l-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jopponi ruħhu għat-talba tas-soċjeta intimata u konsegwentement umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba bħala waħda nfondata, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta intimata.*

Rat ukoll ir-risposta tas-socjetà rikorrenti intimata li tghid hekk:

*"Illi t-talba kif kontenuta fir-rikors tal-intimat hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontrieh u dan għar-raġunijiet segwenti;*

1. *Illi l-intimat huwa debitur tas-soċjeta esponenti fl-ammont ta' ħamest elef seba' mija disgħa u erbgħin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€5,749.69), liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' l-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrativi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatata mal-kontijiet tas-servizz utili bin-numru 1010000169488 ossua dwar il-fond bl-indirizz Flat 1, 136 Velienne, Triq Guze' Howard, Sliema liema ammont jammonta għal elfejn ħames mija u tlettax-il ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2,513.34) u inkwantu l-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000169606 l-ammont ta' tlett elef mitejn sitta u tletin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€3,236.35) ossia il-fond bl-indirizz Flat 4, 136, Velienne, Triq Guze' Howard, Sliema.*

2. *Illi inkwantu għall-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni, din għandha tiġi respinta stante illi l-ammont reklamat permezz tal-ittra uffiċjali mhuwiex preskritt u għadu dovut fl-intier tiegħu u dan kif se jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;*

3. *Illi l-intimat ġie interpellat diversi drabi mill-mittenti sabiex iħallas l-ammont dovut iżda dan sar inutilment kif se jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Illi di più ma hemm l-ebda raġuni valida għal dan l-inadempjenza u l-intimat qatt ma kkontesta l-ammont dovut;*

4. *Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet kontra l-intimat inkluż dawk tal-ittra uffiċjali.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat rikorrenti tat-30 ta' Novembru 2017.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti intimata tat-14 ta' Marzu 2018.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2018.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-intimat rikorrenti qed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti intimata ghall-ammont dovut rigward servizzi tad-dawl u l-ilma u jeccepixxi preliminarjament l-preskrizzjoni taht l-Artiklu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

> *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

**Provi**

Illi mid dokumenti esebiti mix-xhud Reuben Bonnici, rapprezentant tal-istess soċjetà rikorrenti intimata a folio 44 u 45 tal-process Dokumenti RB7 u RB8 jirrizulta li sa mill-24 ta' Mejju 1997 u sussegwentament fis-16 ta' Jannar 1998, l-istess soċjetà harget ordni biex jigu sospizi s-servizzi fuq il-kont numru 460773080. Id-dokumenti RB4, RB5 u RB6 a folio 29 sa 37 tal-process jirreferu ghall-istess kont numru (ara Nru tal-kont l-Antik fl-istess dokumenti) minn liema jirrizulta li sa mit-02 ta' Ottubru 1999, fuq il-kont ma kien hemm l-ebda konsum izda fil-

kontijiet, peress li s-servizz kien gie sospiz, qed jintalab biss il-hlas tal-kera tal-meters u l-imghaxijiet fuq l-istess.

Illi ghalhekk l-ahhar servizz ta' konsum jirrizulta li sar lura fis-sena 1997. Konsegwentament ma hemmx dubju li minn dakinhar sakemm saret l-ittra ufficcjali fl-04 ta' Dicembru 2015 ghaddew aktar minn hames snin.

Illi dan japplika wkoll fil-konfront tal-kont l-iehor.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ghandu jigi sottolinejat, in oltre, illi ladarba is-soċjetà rikorrenti innifisha ssospendiet is-servizz, meta l-obbligu taghha huwa li tipprovdi tali servizz, m'ghandhiex imbaghad tibbenefika fl-istess hin minn dan l-att unilaterali taghha, billi filwaqt illi ma tkomplix tipprovdi s-servizz tal-konsum, titlob xorta wahda l-hlas tal-kera tal-meters u l-imghaxijiet fuq l-istess. Dan jikkostitwixxi arrikkiment indebitu, ingust u doppju fil-konfront tal-intimat rikorrenti.

Dan japplika wkoll u jirrizulta bl-istess mod fil-konfront tal-kont l-iehor Nru tal-kont l-antik 460774210, bid-dokumenti relattivi a folio 20 sa 28 tal-process mmarkati Dok RB1 sa RB3.

Illi dwar l-emendi li saru fil-ligi u specifikatament dawk taht l-Att numru I tal-2017, li sar fit-13 ta' Jannar 2017 u l-Att numru VIII tal-2017, li sar fl-24 ta' Frar 2017, ma jistghux jittiehdu bhala applikabbli ghall-kazijiet li gew istitwiti qabel dik id-data u li jirreferu ghall-fatti li sehhew qabel din id-data, stante li ma japplikawx retroattivament.

Illi dan apparti, se mai, hija s-soċjetà rikorrenti intimata li qed tagħmel it-talba u la darba kienet rinfaccjata b'din l-eccezzjoni, setgħet jekk riedet ittella' lill-istess intimat rikorrenti u tagħtih hi l-gurament. Dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt li tali emendi gew fis-sehh meta l-intimat rikorrenti kien gia ezawrixxa l-provi tieghu. Mill-atti jirrizulta li l-ahhar xhud imressaq mill-intimat rikorrenti kien l-istess Reuben Bonnici fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016, skond il-verbal a folio 38 tal-process; fis-seduta tal-01 ta' Frar 2017 a folio 39 tal-process ma tressqu l-ebda provi, fis-seduta tas-26 t'April 2017 rega' xehed ir-rapprezentant tas-soċjetà rikorrenti intimata li esebixxa d-dokumenti fuq riferiti minn folio 44 sa folio 46 u l-kawza thalliet ghall-provi tas-soċjetà rikorrenti intimata. Illi ghalhekk kien fl-interess tal-istess soċjetà, sabiex tnehhi kull dubju li seta' jkun hemm, li wara li ghaddew tali emendi titlob li in vista ta' l-istess l-intimat rikorrenti jiehu l-gurament li ma hux debitur, u mhux taghmel tali sottomissjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, meta l-provi taghha inghalqu fit-08 ta' Novembru 2017 u cioè xhur wara li kienu ghaddew tali emendi, f'liema intervall hija kellha kull opportunità li ttella' lill-intimat rikorrenti u tissoggettah ghall-gurament, liema principju kien applikabbli meta gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Paolo Calleja vs Luigi Vella, Appell Kummercjali, Sede Superjuri**, deciz fil-15 ta' Gunju 1964, il-Qorti tal-Appell qalet illi : "*Meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali imiss lill-konvenut jipprova li l-hames snin kienu ghalqu. Jekk dan jigi pruvat, kien imiss lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni kien gie validament interrott.*".

Dan kollu qed jinghad in vista tal-fatt li din il-kawza inbdiet taht principju applikabbli li kien dijametrikament oppost ghall-emendi li gew fis-sehh, fi stadju fejn il-kawza kienet kwazi ezawrita mill-provi minn

naha taz-zewg partijiet, tant li wara li xehed Reuben Bonnici fis-seduta tas-26 ta' April 2017, l-istess soċjetà ma ressqet l-ebda prova ohra.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat rikorrenti u tiddikjara it-talba tas-soċjetà rikorrenti intimata preskritta. Bl-ispejjez kontra l-istess soċjetà rikorrenti intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur